Qorti tal-Appell
(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru:- 927/2007AE

**Carmelo Grima [I.D.572543M] bhala mandatarju tal-assenti ibnu Carmelo Grima [I.D.607082M] u b'digriet tal-5 ta' Frar 2013 Carmelo Grima [I.D.607082M] assuma l-atti f'ismu proprju**

**vs**

**Alfred Calamatta**

It-Tnejn, 7 ta' Dicembru 2015.

Wara s-sentenza parzjali tal-25 ta' Novembru 2015, fadal il-meritu li ser jigi deciz minn din il-qorti in vista ta' dak li jipprovdi l-Artikolu 8(4) tal-Att dwar it-Tribunal ghal Talbiet Zghar (Kap. 380).

Il-hlas pretiz hu ghall-perjodu bejn **it-22 ta' Marzu 2006[1] u l-24 t'Ottubru 2007**, fl-ammont ta' €2,599.95. Il-konvenut kien gie nterpellat jirritorna c-cwievet[2], izda baqa' inadempjenti u rritona c-cwievet fl-24 t'Ottubru 2007.

Mill-provi rrizulta li:-

1. L-attur inghata l-garaxx b'donazzjoni li kien ghadu suggett ghal kirja ta' hames snin favur il-konvenut. Il-kirja kienet tiskadi fil-21 ta' Marzu 2006. Ftit qabel l-iskadenza tal-kirja, Carmelo Grima (l-missier) fuq rikjesta ta' ibnu li dak iz-zmien kien qieghed isegwi kors fl-Universita', ghamel kuntatt mal-konvenut sabiex jirritorna c-cwievet mal-iskadenza tal-kirja.
2. Minn hemm inqalghu sensiela ta' problemi. Il-konvenut xehed li fil-perjodu tal-kirja u qabel il-garaxx sar proprjeta tal-attur, kien inghata l-permess mis-sid originali biex jibdel il-bieb tal-garaxx u jaghmlu tal-elettriku bir-*remote control*. Dan il-bieb kellu wkoll cavetta biex jinfetah meta ma jkunx hemm dawl.
3. Beda ghaddej iz-zmien u l-attur baghat ittri lill-konvenut biex jirritorna c-cwievet u li kien ser jibqa' jakkumula l-ammont tal-kera dovuta sad-data tar-ritorn tac-cwievet.
4. Fil-frattemp qam dizgwid bejn il-partijiet dwar jekk fil-mument tat-terminazzjoni tal-kirja kienx hemm dawl jew le fil-garaxx, bil-konvenut jargumenta li dawl ma kienx hemm u allura ma setax

[1] Il-lokazzjoni kienet ghal hames snin, 22 ta' Marzu 2001 sal-21 ta' Marzu 2006.

[2] Ara ittri 8 ta' Jannar 2007 (fol. 25), 14 ta' April 2007 (fol. 26).

ihaddem ir-*remote control* biex ikollu access ghall-garaxx u l-attur jinsisti li dawl kien hemm u fil-fatt ipprezenta xi dokumenti f'dan is-sens.

5. Fi kwalunwke kaz, m'hemmx kontestazzjoni li l-bieb tal-garaxx dejjem seta' jinfetah bic-cavetta, liema cavetta l-konvenut xehed li kien tilifha.
6. Il-konvenut baqa' jinsisti li biex jiftah il-bieb tal-garaxx irid jinghata d-dawl ha jhaddem ir-*remote control* - *"Jien wara li skadiet il-kera ghamilt kuntatt mas-Sur Grima, jien pretendejt illi hu kellu jsolvi l-problema ghaliex wara kollox hu kellu l-kontroll tas-supply tal-elettriku"*[3].
7. Ghaddew xhur shah sakemm il-konvenut gab cavetta ohra biex jikkonsenjaha lill-attur. Jirrizulta li originarjament il-konvenut kien issuggerixxa lill-attur stess jaghmel kuntatt ma' min kien installa l-bieb tal-garaxx (certu Mamo) u jghidlu jaghmillu cavetta ohra. L-attur hekk ghamel, u xehed: *"Jien lil certu Mamo kont kellimtu ghax cempiltlu bit-telephone u dan kien qalli illi biex jaghti c-cavetta kien hemm spejjez ta' ghoxrin lira nvoluti u dan fis-sens illi biex is-sur Mamo jigi u jaghmel alterazzjoni tal-bieb, hu kien qed jiccargja spejjez ta' ghoxrin lira"* (fol. 36). Wara qamet kwistjoni bejn il-kontendenti dwar min kellu jhallas l-ghoxrin lira Maltin (LM20) sabiex issir cavetta gdida.
8. Fi kliem il-konvenut stess, eventwalment, *"peress li baqa' ghaddej iz-zmien u din il-problema ma setghetx tissolvi ruhha u peress ukoll illi jien xtaqt li naghlaq il-kwistjoni, kont qbadt u cempilt lis-Sur Mamo u ghidtlu biex jara x'ser jaghmel biex isolvili din il-problema. Wara ftit imbaghad ghalhekk gabli c-cavetta".*
9. Fl-ahharnett fil-25 t'Ottubru 2007 il-konvenut irritorna c-cwievet flimkien mar-*remote control* tal-garaxx lill-attur.

Mis-suespost il-qorti ma tistax ma tasalx ghall-konkluzjoni illi r-raguni principali ghalfejn il-kaz spicca l-Qorti kien minhabba l-inerzja u tkaxkir tas-saqajn tal-konvenut. Il-konvenut kien jaf bid-data tat-terminazzjoni tal-kirja; *"Jiena kont konxju tad-data meta kellha tiskadi l-kirja in kwistjoni."*[4] . Indipendentement mill-fatt jekk huwa kienx qieghed jaghmel uzu effettiv tal-garaxx fil-perjodu kollu tal-kirja, huwa fatt li l-garaxx baqa' fil-pussess tieghu sad-data li fiha rritorna c-cwievet. Il-qorti ma tifhimx kif il-konvenut, wara li ammetta li kien hu stess li tilef ic-cavetta, kellu jhalli dsatax il-xahar shah jghaddu sakemm fl-ahhar ikkonsenja cavetta ohra lill-attur. Flok qaghad ifettaq fuq il-kwistjoni tad-dawl, iseta' fil-fatt solva l-kwistjoni tac-cavetta minn ferm qabel ma skadiet il-kirja (imqar b'semplici telefonata ta' ftit minuti) biex igib cavetta ohra minghand is-Sur Mamo. B'hekk kien ikun f'pozizzjoni li jikkonsenja c-cavetta lura lis-sid fil-hin. Dan m'ghamlux u minflok il-pussess

[3] Fol 41.

[4] Fol 41.

tal-garaxx baqa' f'idejh sal-24 t'Ottubru 2007. Ta' dan il-perjodu l-konvenut irid jaghmel tajjeb billi jhallas id-danni. Pero' fil-likwidazzjoni l-qorti ser tqies ukoll 'l fatt li jidher li l-attur seta' facilment solva din il-materja billi hallas is-somma ta' ghoxrin lira Maltija (Lm20) biex jinghata cavetta ohra tal-bieb tal-garaxx. Wara kollox kulhadd ghandu l-obbligu li jillimita d-danni.

Fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet il-Qorti jidhrilha li t-talbiet attrici huma gustifikati, ghalkemm hi tal-fehma li fil-likwidazzjoni tal-kumpens dovut lill-attur irid jittiehed in konsiderazzjoni 'l fatt li mill-provi rrizulta li l-attur seta' ha l-pussess tal-garaxx billi hallas is-somma ta' Lm20 biex jinghata kopja tac-cavetta. Sid il-kera kellu l-obbligu li jimminimizza d-danni. Fic-cirkostanzi ser tillikwida s-somma dovuta fl-ammont ta' **elf tmien mija u sitta u hamsin ewro (€1,856)** bhala l-ammont dovut mill-konvenut lill-attur.

**Ghal dawn il-motivi tiddeciedi l-kawza billi tilqa' t-talba tal-attur limitatament ghas-somma ta' elf tmien mija u sitta u hamsin ewro (€1,856), bl-imghax mil-lum. Spejjez jinqasmu in kwantu ghal 71% a karigu tal-konvenut u 29% a karigu tal-attur, gialadarba l-konvenut ma giex kundannat ihallas l-ammont kollu li kien qieghed jippretendi l-attur[5].**

Anthony Ellul.

[5] Ovvjament spejjez li jissemmew fis-sentenza tal-25.11.2015 jibqghu a karigu tal-konvenut.